**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 152/2024 GG**

**Dr. Joseph Muscat**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali**

Illum 9 ta' Mejju, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Dr. Joseph Muscat [ minn issa "**ir-Rikorrenti**"] ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-26 t'April, 2024 li bih talab lil din il-Qorti "*taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni sabiex tissalvagwardja l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti inkluz li tissospendi l-effetti tad-digriet moghti mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta numru 839/2019 nhar l-4 ta' April 2024 pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri u li l-inkjesta bin-numru 839/2019 ma tinghalaqx pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri*";

Rat id-digriet taghha tal-istess jum li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-30 t'April, 2024 fil-11.30am u ordnat notifika lill-intimati bi zmien erbat ijiem ghar-risposta taghhom;

Rat ir-rirsposta kongunta tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-30 t'April, 2024 li biha wiegbu li t-talba ghandha tkun michuda ghar-ragunijiet hemm premessi;

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tat-30 t'April, 2024;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa digriet fuq talba tar-**Rikorrenti** sabiex din il-Qorti tohrog mizura provvizorja, llum mgharufa ahjar bhala *mizura ad interim* jew *interim measure* skond id-disposizzjoni tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-pendenzi ta' inkjesta fl-*ingenere* mnedija skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali;

**<u>Fatti fil-qosor</u>:**

2. i. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati u kif estrapolati mill-att promutur, ir-risposta u s-sottomissjonijiet verbali, huma li lura fis-sena 2018 wara denunzja maghmula lill-

Magistrat Inkwirenti fit-termini tal-artikolu 546(4A) tal-Kodici Kriminali mill-organizazzjoni Repubblika, kienet mnedija inkjesta fil-konfront ta' persuni meqjusa bhala "persuni suspettati" fit-termini tal-istess artikolu li, milli jidher, ma kienx jinkludi lir-Rikorrent. Skond kif allegat mir-Rikorrenti, fil-mori ta' din l-inkjesta, l-Magistrat Inkwirenti adetta mill-inkjesta rceviet *notitia criminis* ohra li fiha kien imsemmi r-Rikorrenti. Mhux car mill-atti jekk kienitx l-ghaqda Repubblika li pprezentatx it-tieni *notitia criminis* jew il-Kummissarju tal-Pulizija fuq talba tal-ghaqda Repubblika. Dejjem skond ir-Rikorrenti, l-Magistrat Inkwirenti, minflok ma ghaddiet l-inkjesta lill-Magistrat Inkwirenti iehor jew ohra, zammet l-istess u ghaqditha mal-Inkjesta li kienet ghaddejja u dan minghajr ma nnotifikat lir-Rikorrenti issa bhala persuna suspettata. Ir-Rikorrenti jallega ukoll illi l-istess Magistrat Inkwirenti cahdet it-talba tieghu sabiex tirrikuza ruhha wara xi dikjarazzjonijiet fil-media minn missierha u huwa maghmulha in konnessjoni mal-mertu tal-inkjesta. Wara talba lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jinghata *full disclosure* tal-fatti rakkolti, huwa inghata appuntament bil-fakulta' li jkun assistit minn avukat u jekk jixtieq jista' jixhed b'mod volontarju;

ii. Ir-Rikorrenti ghalhekk, stante li jqis dan kollu bhala leziv tal-jeddijiet fundamentali tieghu, intavola rikors quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 2024 li hija data qabel l-appuntament li nghata mill-Magistrat Inkwirenti biex jinghata l-*full disclosure* liema rikors inghata n-numru 152/2024 GG li bih talab dikjarazzjoniet in sostenn tal-lanjanzi tieghu (mhux ir-rikors ghal-mizura interim). Fil-mori tas-smigh ta' rikors, ir-Rikorrenti

imbaghad intavola ir-rikors odjern ghall-mizura interim quddiem din il-Qorti li fih ghamel zewg talbiet:

1) fl-ewwel lok, u b'mod immedjat, llum stess, anke qabel ma jipprezenta r-risposta tieghu ghat-tieni talba, l-intimat Avukat Generali tiddikjara jekk hija rcevietx l-atti tal-inkjesta 839/2019 minghand il-Magistrat Inkwirenti, kif qed jigi rapurtat. U dan sabiex l-Onorabbli Qorti jkollha l-istampa kollha tas-sitwazzjoni llum.
2) fit-tieni lok taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni sabiex tissalvagwardja l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti inkluz li tissospendi l-effetti tad-digriet moghti mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta numru 839/2019 nhar l-4 ta' April 2024 pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri u li l-inkjesta bin-numru 839/2019 ma tinghalaqx pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

iii. Fatt iehor ta' sinifikat huwa li fl-udjenza tat-30 t'April, 2024 ir-Registratur Qrati Kriminali u Tribunali xehed illi l-inkjesta inghalqet mill-Magistrat Inkwirenti fil-25 t'April, 2024 u l-*process verbal* intbaghat lill-Avukat Generali f'istess jum.

**<u>Ir-rimedju provvizjori intentat mir-Rikorrenti</u>**:

3. Illi huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fis-subartikolu (2) tieghu u l-atrikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319 jaghtu l-poter lil din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha sabiex tohrog ordni provvizorja

bil-ghan li twaqqaf milli ssir jew tissokta azzjoni li tista' tkun leziva tad-drittjiet fundamentali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **46 (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:**
>
> **Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.**

4. Illi harsa lejn is-sentenzi fl-ismijiet **Joseph Emmanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et** (Qorti Kost. 22/08/2005 ) u **Sherif Mohamed Shennawyh v. l-Avukat Generali et** (Qorti Kost 29/03/2019) fost skorta ta' sentenzi jaghtu sostenn bizzejjed sabiex il-Qorti ma tinoltrax aktar minn hekk fuq l-ezistenza ta' dan il-jedd ta' protezzjoni kif emergenti mill-artikoli msemmija *supra;*

5. Illi daqstant iehor huwa principju ben stabbilit kwantu l-applikabbilita' ta' dan il-jedd u r-ricerka li jehtieg taghmel il-Qorti biex tasal tohrog dik l-ordni u f'dan ir-rigward tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov vs Turkey** (Application Nrs: 46827/99 and 46951/99 ECtHR (Grand Chamber) fejn kien ritenut:

*"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*

Tissokta tirritjeni l-qorti illi:

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".*

6. Illi fis-sentenza **HSBC Bank (Malta) plc vs l-Avukat tal-Istat et** (PA (Sede kost) 16/06/2020) il-Qorti ghaddiet in rassenja numru ta' sentenzi li minnhom siltet princjipji li qieset bhala linji gwida fil-hrug tal-ordni bhal dik intentata meta rriteniet:

Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinstiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropeja, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.** Tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kkunsidrata taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni, isegwi li l-proviso tal-istess subartikli japplika wkoll għal dik it-talba u li għalhekk din il-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ ***prima facie* ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ.**

3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel . Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**".

4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure l-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija;

5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali;

7. Din il-Qorti taghmel taghha dan l-insenjament gia addottat f'kawzi ohra bhala linji gwida u ghalhekk taghzel li tissokta bl-ezami

tal-kwistjoni hawn skrutinata fl-isfond ta' dawn il-kriterji. Issa, **ir-Rikorrenti** qed jitlob din il-mizura bil-ghan li jkun sospiz l-effett tad-digriet moghti mill-Magistrat Inkwirenti fl-4 t'April, 2024 li bih kien mistieden jattendi, jinghata *full discolosure* u jixhed jekk hekk jixtieq kif ukoll li ma tinghalaqx din l-inkjesta sakemm ikun hemm ezitu ta' dawn il-proceduri. Tajjeb li f'dan ir-rigward issir referenza ghat-talbiet tar-Rikorrenti fir-rikors promutur ghal-dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-jeddijiet tieghu kif minnu stess sintetizzati fir-rikors odjern fejn jelenka:

i. Li l-artkolu 546(4A) tal-Kap 9, huwa leziv fil-konfront tieghu; (L-ewwel talba)

ii. Bil-fatt li l-Magistrat ma ordnatx in-notifika tan-notitia criminis maghmula mill-Ghaqda Repubblika fid-9 ta' Novembru 2021 fil-konfront tar-rikorrenti u ohrajn skond ma titlob il-ligi huwa leziv fil-konfront tieghu; (it-tieni talb)

iii. Li l-applikazzjoni tal-artiklu 637(5) tal-Kap 12 u dak dispost fl-artiklu 518 tal-Kap.9 meta huwa jigi biex iressaq il-provi f'dawn il-proceduri huwa leziv fil-konfront tieghu; (ir-raba talba);

iv. L-applikazzjoni ta' l-artkoli 734 u 738 tal-Kapitlu 12 mill-Magistrat Inkwirenti fil-konfront tieghu huwa leziv l-lghaliex il-ligi ma taghtix lir-rikorrenti d-dritt li talba ghal rikuza tigi deciz minn qorti indipendenti u mparzjali. Magistrat Inkirenti, filwaqt li huwa Magistrat, ma huwiex Qorti; (talba hamsa);

v. Li bid-decizjoni datata 23 ta' Mejju 2023, fejn cahdet it-talba tar-rikuza taghha, il-Magistrat Inkwirenti kisret id-drittijiet fundamentali

tar-rikorrenti u sejra tkompli tikser id-drittijiet tieghu jekk hija tibqa tippresjedi dik l-inkjesta bin-numru 839/19 (is-sitt talba);

vi. Ordni biex l-inkjesta tigi assenjata lil Magistrat Inkwirenti iehor; (is-seba' talba);

vii. Taghti u taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa (it-tmien talba)

8. Illi kif gia osservat *supra*, mid-deposizzjoni tar-Registratur Qrati Kriminali u Tribunali, jirrizulta illi l-inkjesta fl-*in genere* inghalqet u l-*process verbal* relattiv intbaghat lill-Avukat Generali. Dan wahdu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi l-ewwel talba tar-Rikorrenti, minghajr ma tkun diskussa l-legittimita' taghha f'azzjoni bhal dik odjerna kif opposta mill-intimati fir-risposta taghhom f'punti seba', tmienja u disa', ma ghadhiex aktar rilevanti. Konsegwentement ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;

9. Illi kwantu li l-inkjesta hija maghluqa, r-risposta tal-intimati hija inutili ghaliex l-osservanzi hemm maghmulha huma mibnija fuq il-premessa li l-inkjesta kienet ghadha mhix maghluqa anke jekk l-intimati kienu jafu li l-*process verbal* kien intbaghat lill-Avukat Generali u minnha ricevut fil-25 ta' Mejju, 2024 meta r-risposta kienet intavolata fit-30 t'April, 2024. Il-Qorti tifhem illi l-intimati wiegbu bil-mod kif wiegbu ghaliex kienu opposti ghal-ewwel talba biex ikun ordnat lill-Avukat Generali tiddikjara jekk l-inkjesta kienitx inghalqet. Minkejja dan, fl-udjenza tat-30 t'April, 2024 l-intimati ghamlu sottomissjonijiet verbali b'rilevanza ghal-fatt illi l-inkjesta kienet inghalqet;

10. Lura fejn il-Qorti halliet l-ezami tal-fatti fil-kwadru tal-linji gwida citati, ghad illi ma jirrizultax li kien hemm xi rimedju iehor miftuh ghar-Rikorrenti (l-ewwel linja gwida), t-talba tar-Rikorrenti tirriskontra l-akbar ostakolu fil-fatt illi l-inkjesta' hija maghluqa. Ezami tal-linji gwida l-ohra lkoll jippuntaw ghal-direzzjoni wahda, senjatament, illi bl-eghluq tal-inkjesta, ikunu inutili konsiderazzjonijiet dwar it-talba kif arginata sabiex ikunu sospizi l-effett tad-digriet tal-4 t'April, 2024 u ugwalment inutili kwantu t-talba hija diretta sabiex din il-Qorti tordna li ma tinghalaqx l-inkjesta in kwistjoni. Il-Qorti ma tixtieqx li tinstemgha daqshekk simplistika fil-kunsiderazzjoni taghha izda dan huwa stat ta' fatt li meta ezaminat mill-ottika tal-linji gwida msemmija *supra* u l-gurisprudenza in rigward, tqis illi l-mertu huwa ezawrit bil-fatt inniffsu tal-eghluq tal-inkjesta.

11. Huwa minnu kif osservat mill-abbli difensur tar-Rikorrenti li l-Qorti hija vestita b'poteri wiesgha fil-kompetenza odjerna, izda fl-istess waqt trid timxi principalment mat-talba kif postulata. Ir-Rikorrenti huwa tal-fehma illi il-hrug ta' mizura interim tkun utili fil-kaz illi l-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu fir-rikors kostituzzjonali fejn jallega lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu sabiex f'dak il-kaz huwa jitreggha lura ghal-posizzjoni li kien fiha qabel ma inghata d-digriet tal-4 t'April 2024 biex jidher quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Il-Qorti, izda, ma taqbel xejn ma din il-proposta ghaliex f'dan l-istadju ta' din l-azzjoni eccezzjonali ma tistax' treggha lura dak li sehh diga jekk mhux wara li tisma' u tiddeciedi dwar l-ilmenti minnu mressqa fir-rikors dwar il-lezjoni tal-jeddijiet tieghu; l-poteri vestiti f'din il-Qorti f'din il-kompetenza huma li twaqqaf milli tkompli sehh azzjoni lamentata. Daqstant hu rikonoxxut mill-istess Rikorrent kif rifless fit-talbiet tieghu stess.

12. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan ir-rikors tas-26 t'April, 2024 billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tichad it-tieni talba.

L-ispejjez ta' din il-procedura huma rizervati ghall-gudizzju finali fil-mertu.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur